Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10267 — Hellman & Friedman/Genstar/Enverus)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 184/11)

1. Fil-5 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Hellman & Friedman LLC ("Hellman & Friedman", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Genstar Capital Partners, LLC ("Genstar", l-Istati Uniti tal-Amerka), u

— Titan DI Holdings, Inc., il-kumpanija azzjonarja tal-grupp Enverus ("Enverus", l-Istati Uniti tal-Amerka) attwalment ikkontrollata esklużivament minn Genstar.

Hellman & Friedman u Genstar jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Enverus.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Hellman & Friedman: ditta ta' ekwità privata b'investimenti f'varjetà ta' setturi madwar id-dinja, iffokata fuq ditti ewlenin tas-suq b'potenzjal ta' tkabbir,

— Genstar: ditta ta' ekwità privata li tispeċjalizza f'investimenti f'kumpaniji tas-suq medju fis-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, it-teknoloġija industrijali u l-industriji tas-software, u

— Enverus: fornitur tas-software bħala servizz (software-as-a-service, "SaaS") ta' għarfien kritiku min-negozju dwar l-industriji tal-enerġija, l-enerġija u l-komoditajiet, li s-soluzzjonijiet tas-SaaS tagħhom huma ffukati fuq swieq upstream, midstream u downstream, li jagħtu s-setgħa lill-esplorazzjoni u l-produzzjoni, is-servizzi tal-bjar taż-żejt, mid-stream, l-utilitajiet, il-kummerċ u r-riskju, u lill-kumpaniji tas-swieq kapitali biex ikunu aktar kollaborattivi, effiċjenti u kompetittivi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10267 — Hellman & Friedman/Genstar/Enverus

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' ħawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË